*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,132, 17 ta' Ottubru, 2023*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XXXIV tal-2023**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda jew iħassar liġijiet varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, u dwar oqsma relatati u anċillari għalihom.**

**ACT No. XXXIV of 2023**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend or repeal various Agriculture, Fisheries and Animal Rights laws, and areas related and ancillary thereto.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **FRANK BEZZINA**
**Aġent President**

17 ta' Ottubru, 2023

**ATT Nru XXXIV tal-2023**

*ATT sabiex jemenda jew iħassar liġijiet varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, u dwar oqsma relatati u anċillari għalihom.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2023 dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali. Titolu fil-qosor.

**Taqsima I**
Emenda għar-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern

**2.** Din it-Taqsima temenda r-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "r-regolamenti prinċipali". Emenda tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern. L.S. 35.01.

**3.** Fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, l-intestatura "Ministeru tal-Agrikoltura u s-Sajd" u l-kliem li jinsab taħtha għandu jiġi mħassar. Emenda tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**Taqsima II**
Tħassir ta' leġiżlazzjonijiet primarji varji

Tħassir ta' leġiżlazzjonijiet primarji u riżervi.

**4.** Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra, il-leġiżlazzjonijiet primarji elenkati fl-artikolu 5 għandhom jiġu mħassra bis-saħħa ta' dan l-Att mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.

Tħassir.

**5.** Skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4, il-leġiżlazzjonijiet primarji li ġejjin huma b'dan mħassra:

- Ordinanza dwar it-Torbija tal-Ifrat - Kap. 97;
- Att dwar l-Użin ta' Bhejjem Importati għas-Simna - Kap. 143;
- Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi - Kap. 447.

**Taqsima III**
Tħassir ta' diversi leġiżlazzjonijiet sussidjarji varji

Tħassir ta' leġiżlazzjonijiet sussidjarji u riżervi.

**6.** Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra, il-leġiżlazzjonijiet sussidjarji elenkati fl-artikolu 7 għandhom jiġu mħassra bis-saħħa ta' dan l-Att mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.

Tħassir.

**7.** Skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6, il-leġiżlazzjonijiet sussidjarji li ġejjin huma b'dan mħassra:

- Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Siġar Koniferi - L.S. 10.22;
- Regolamenti dwar Drittijiet imħallsin f'Ċentri tal-Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja - L.S. 35.13;
- Regolamenti dwar id-Drittijiet għaż-Żabra, għall-Bexx u għat-Tilqim - L.S. 35.16;
- Regolamenti dwar l-Akwakoltura - L.S. 36.34;
- Regolamenti dwar l-Importazzjoni tal-Patata taż-Żrigħ - L.S. 64.01;
- Regolamenti għall-Esportazzjoni tal-Patata - L.S. 85.01;
- Regolamenti għall-Esportazzjoni taż-Żerriegħa tal-Kemmun - L.S. 85.02;

- Regolamenti dwar l-Esportazzjoni tal-Basal - L.S. 85.03;

- Ordni dwar Għeneb dikjarat li hu Prodott Agrikolu - L.S. 85.04;

- Regoli dwar l-Esportazzjoni ta' l-Għeneb - L.S. 85.05;

- Ordni dwar it-Tadam li hu dikjarat bħala Prodott Agrikolu - L.S. 85.06;

- Regoli dwar l-Esportazzjoni bl-Ajru tad-Tadam - L.S. 85.07;

- Ordni dwar il-Bajd dikjarat li hu Prodott Agrikolu - L.S. 85.08;

- Regoli dwar l-Esportazzjoni tal-Bajd - L.S. 85.09;

- Regoli dwar il-Ħlas tal-Esportazzjoni tal-Patata - L.S. 85.10;

- Regoli għat-Trobbija ta' l-Ifrat - L.S. 97.01;

- Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bejgħ tal-Patata taż-Żrigħ - L.S. 117.05;

- Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bhejjem- L.S. 117.09;

- Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Ħut - L.S. 117.12.

Dispożizzjoni tranżitorja. Att Nru XXXIV tal-2023.

**8.** Kwalunkwe att, deċiżjoni jew azzjoni meħuda qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2023 dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali għandhom jibqgħu jkunu regolati mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti, l-ordnijiet u r-regoli kif fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2023 dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 154 tal-11 ta' Ottubru, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** **FRANK BEZZINA**
**Acting President**

17th October, 2023

**ACT No. XXXIV of 2023**

*AN ACT to amend or repeal various Agriculture, Fisheries and Animal Rights laws, and areas related and ancillary thereto.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Various Agriculture, Fisheries and Animal Rights Laws (Amendment and Repeal) Act, 2023. Short title.

**Part I**
Amendment to the Fees leviable by Government Departments Regulations

**2.** This Part amends the Fees leviable by Government Departments Regulations and it shall be read and construed as one with the Fees leviable by Government Departments Regulations, hereinafter in this Part referred to as "the principal regulations". Amendment of the Fees leviable by Government Departments Regulations. S.L. 35.01.

**3.** In the Schedule to the principal regulations, the heading "Ministry for Agriculture and Fisheries" and the wording thereunder shall be deleted. Amendment of the Schedule to the principal regulations.

## Part II
Repeal of various primary legislation

Repeal of primary legislation and saving.

**4.** Notwithstanding the provisions of any other law, the primary legislation listed in article 5 shall be repealed by virtue of this Act without prejudice to anything done or omitted to be done thereunder.

Repeal.

**5.** In accordance with the provisions of article 4, the following primary legislation are hereby repealed:

- Cattle Breeding Ordinance - Cap. 97;
- Imported Store Cattle (Weighing) Act - Cap. 143;
- Producer Organisations Act - Cap. 447.

## Part III
Repeal of various subsidiary legislation

Repeal of subsidiary legislation and saving.

**6.** Notwithstanding the provisions of any other law, the subsidiary legislation listed in article 7 shall be repealed by virtue of this Act without prejudice to anything done or omitted to be done thereunder.

Repeal.

**7.** In accordance with the provisions of article 6, the following subsidiary legislation are hereby repealed:

- Conifer Trees (Preservation) Regulations - S.L. 10.22;
- Fees levied at Agricultural Produce Marketing Centres Regulations - S.L. 35.13;
- Fees for the Agricultural Pruning, Spraying and Grafting Regulations - S.L. 35.16;
- Aquaculture Regulations - S.L. 36.34;
- Importation of Seed Potatoes Regulations - S.L. 64.01
- Potato Export Regulations - S.L. 85.01;
- Cumin Seed Export Regulations - S.L. 85.02;
- Onions for Export Regulations - S.L. 85.03;
- Grapes declared to be Agricultural Produce Order - S.L. 85.04;

- Export of Grapes Rules - S.L. 85.05;

- Tomatoes declared to be Agricultural Produce Order - S.L. 85.06;

- Export of Tomatoes by Air Rules - S.L. 85.07;

- Eggs declared to be Agricultural Produce Order - S.L. 85.08;

- Export of Eggs Rules - S.L. 85.09;

- Potato for Export Rules - S.L. 85.10;

- Cattle Breeding Rules - S.L. 97.01;

- Control of Sale of Seed Potatoes Regulations - S.L. 117.05;

- Control of Livestock Regulations - S.L. 117.09;

- Price Control of Fish Regulations - S.L. 117.12.

Transitory provision. Act No. XXXIV of 2023.

**8.** Any act, decision or action taken before the coming into force of the Various Agriculture, Fisheries and Animal Rights Laws (Amendment and Repeal) Act, 2023 shall continue to be regulated by provisions of the regulations, orders and rules as in force prior to the coming into force of the Various Agriculture, Fisheries and Animal Rights Laws (Amendment and Repeal) Act, 2023.

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 154 of the 11th October, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.54**